**14 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Carmelo Busuttil

*versus*

John Grech

**Trasfużjoni tal-Ġudizzju — Legat — Immissjoni fil-Pussess — Art. 763 u 876 tal-Kap. 23 — Art. 809 tal-Kap. 15.**

*Jista' jitlob li l-attijiet tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti li mietet matul il-kawża, mhux biss l-eredi ta' dik il-parti, imma anki l-eżekutur ta' waħda minn dawk il-partijiet, kif ukoll kull wieħed li għandu nteress. Kwindi, jekk wieħed jitlob il-ħlas ta' kreditu minnu pretiż u jmut matul il-kawża, u jkun ħalla dak il-kreditu b'legat lil persuna oħra, din il-persuna, bħala legatarja ta' dak il-kreditu, tista' liberament titlob li l-ġudizzju jiġi trasfus fil-persuna tagħha, sabiex hija tkun tista' tkompli l-kawża minflok l-awtur tagħha.*

*Iżda, mill-banda l-oħra, dak il-legatarju ma jistgħax ikompli dik l-azzjoni qabel ma jkun ġie immess fil-pussess ta' dak il-legat; għax il-legat, b'liġi, jgħaddi għand l-eredi, salv li dan mbgħad jittrasferieh lill-legatarju, mentri l-legatarju, fil-waqt li jakkwista d-dritt għall-legat mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, u anki ad insaputa proprja, ma jakkwistax il-pussess tal-legat qabel ma jiġi mmess fil-pussess tie-*

*għu, u ma jistgħax jaġixxi kontra t-terzi fuq l-oġġett tal-legat qabel ma jsir possessur tal-legat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi, għall-bilanċ ta' xogħol ta' appalt ta' kostruzzjoni f'Alexander Street, Birżebbuġa; bl-imgħax legali mid-data tal-interpellazzjoni uffiċjali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Marzu 1930, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut jeċċepixxi illi Grazia Busuttil mhix persuna leġittima biex tikkontesta din il-kawża; għaliex hija mhijiex l-eredi, imma biss legatarja tal-kreditu li qiegħed jippretendi l-attur, u bħala legatarja mhix responsabbli għall-ispejjeż tal-kawża; u jeċċepixxi wkoll li r-rijappuntament tal-kawża mitlub minn Grazia Busuttil, li mhix l-eredi tal-attur, hu null, u għalhekk il-kawża marret deżerta;

Illi dawn l-eċċezzjonijiet, sottomessi mill-konvenut, mhumiex sostenibbli. Skond il-liġi (art. 809 Kap. 15), jista' jitlob li l-attijiet tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu, sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti mejta, mhux biss l-eredi ta' waħda mill-partijiet li tmut matul il-kawża, imma wkoll l-eżekutur ta' waħda minn dawk il-partijiet, kif ukoll kull wieħed li jkollu nteress. Ma jistgħax jiġi eskluż li Grazia Busuttil għandha nteress li tkompli l-kawża. Infatti, jirriżulta li b'testment "unica charta" magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona tat-18 ta' Ġunju 1957, l-attur Carmelo Busuttil u martu Giuseppa Busuttil ħallew b'titolu ta' legat, prelevabbli wara l-mewt tal-premorjent fosthom, lil Grazia Busuttil, fost ħwejjeġ oħra, "il-kreditu ntier dovut minn għand John Grech (il-konvenut) lit-testatur (ġa attur f'din il-kawża) għax-xogħol li għamel fil-fond Alexander Street, Birżebbuġa, Martha

House, proprjetà tal-istess John Grech", ċjoè il-kreditu pretiż mill-attur fiċ-ċitazzjoni. Kwindi bir-raġun, fit-12 ta' Jannar 1960, Grazia Busuttil talbet u otteniet min din il-Qorti li l-ġudizzju jiġi trasfus f'isimha, bħala li għandha nteress f'din il-kawża. L-eċċezzjonijiet sottomessi m konvenut jiġu għalhekk respinti;

Illi, però, l-interess ta' Grazia Busuttil f'din il-kawża hu bħala li hija legatarja tal-kreditu li l-attur qiegħed jippretendi kontra l-konvenut. Skond l-art. 758(1) tal-Kodiċi Ċivili, kwalunkwe legat pur u sempliċi jagħti lill-legatarju, mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur, dritt trasmissibbli lill-eredi tiegħu, jew lil dawk li għandhom kawża minnu, li jikkonsegwixxu l-legat. Għalhekk, minn dik il-ġurnata dak id-dritt jidħol fil-patrimonju tal-legatarju, anki ad insaputa tiegħu stess; u jista' jiġi aljenat u trasmess lill-eredi u suċċessuri tal-istess legatarju; u l-legatarju, kwindi, isir proprjetarju tal-legat indipendentement mit-tradizzjoni tiegħu. Għalhekk il-legatarju, oltre li għandu l-azzjoni "ex testamento" kontra l-eredi biex iġiegħelu jirrilaxxjalu l-legat, u hekk huwa jottjeni l-pussess tiegħu, jista' jirrivendika l-oġġett tal-legat kontra kull min ikun jiddetjenieh, sakemm l-istess legat ikun ta' ħaġa ċerta u determinata. B'dan kollu, u salva l-kwistjoni jekk fil-każ taħt konsiderazzjoni l-legat ta' Grazia Busuttil huwiex ta' ħaġa ċerta u determinata, skond l-art. 763 tal-Kodiċi Ċivili, il-legatarju għandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-ħaġa legata; u għalhekk, a differenza tal-proprjetà il-legat ma jiġix trasferit "ipso facto" lill-legatarju. Il-legat, b'liġi, jgħaddi biss għand l-eredi (art. 876 Kap. 23), salv mbgħad lil dan li jittrasferieh lill-legatarju. B'dan il-mod il-legatarju ma jistgħax jeżerċita kontra t-terzi ebda azzjoni fuq l-oġġett tal-legat qabel ma jkun sar il-possessur tiegħu;

Illi, kif jirriżulta mid-dibattitu orali, Grazia Busuttil ma għandhiex il-pussess, la b'immissjoni stragudizzjali u lanqas b'detenzjoni taħt titolu ieħor, jew b'xi mod ieħor, tal-kreditu mħolli lilha b'titolu ta' legat mit-testaturi fuq imsemmijin; lanqas ma jirriżulta, u Grazia Busuttil stess ma tippretendix, li hija talbet lill-eredi l-immissjoni tagħha fil-pussess tal-legat ġa msemmi; u kwindi Grazia Busuttil, li għadha ma saretx posseditriċi tal-oġġett ta' dan

il-legat, għad ma tistgħax taġixxi kontra l-konvenut fuq dak l-oġġett (Laurent, Diritto Civile, Vol. XIV, no. 62; Pothier, Trattato dei Testamenti, Cap. V, sez. III, art. 2; Pacifici Mazzoni, Delle Successioni, Vol. VII, no. 54). L-azzjoni li trid tkompli Grazia Busuttil hi għalhekk prematura;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Prevju riġett tal-aħħar eċċezzjonijiet tal-konvenut, tiddikjara li l-ġudizzju li trid tkompli Grazia Busuttil hu prematur, u konsegwentement tillibera lill-konvenut "ab observantia". Bl-ispejjeż kontra l-istess Grazia Busuttil.